MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 705/2009

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Whitney Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' sitt mija u erbghin Euro u tlettax-il centezmu (€640.13) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 407734, u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuta ma pprezentat ebda risposta in difiza tal-pretensjoni tas-socjeta' attrici.

Il-Prokuratur Legali Peter Sammut, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici, kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kien sar l-ebda pagament da parti tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------